MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Numru. 1280/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**ALFRED SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfred Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 494658 (M).

**Akkuzat talli:**

F'Novembru 2012 u fix-xhur ta` qabel, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz,

jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u cioe` s-somma ta` hames t’elef u hames mitt ewro (€5,500), ghad-dannu ta` Joseph Mifsud detentur tal-Karta ta` l-Identita` numru 48441 (M), ai termini ta` l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe` s-somma ta` hames t’elef u hames mitt ewro (€5,500), ghad-dannu ta` l-artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lil-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 293, 294, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza specjalment l-ammissjoni bikrija tal-imputat ghall-

akkuzi migjuba kontrih, kif ukoll rat il-Fedina Penali tal-Imputat, dina l-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Il-Qorti innotat li l-imputat ufficjalment irrikonoxxi d-debitu tieghu ta` hames t'elef u hames mitt ewro (€5,500) lil kwerelant Joseph Mifsud u li obbliga ruhu li jhallas mensilment l-ammont ta` mija u hamsin ewro (€150) u l-imghaxijiet relattivi ta` tmienja fil-mija (8%) sakemm id-dejn kollu jigi mhallas.

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza a tenur tal-artikolu 22 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta ghal perjodu ta` tlett (3) snin billi tilliberah li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u jhallas l-ammont dovut fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------